*Fit-Tribunal Industrijali*

*Fil-kwistjoni tax-Xoghol*

*bejn:*

*D' Anastas David*

*Vs*

*Themoplastics Limited*

*Dwar: Tkeccija allegata li hija ngusta.*

*Kaz Nru 2642/JB*

*Illum 01 ta' Lulju 2011*

*Decizjoni Nru 2089*

*Chairman: Dr Joseph P Bonnici LL.D*

**Introduzzjoni**

Illi r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni gusta.

Da parti taghha s-socjeta' intimata replikat li l-kawza tat-terminazzjoni kienet wahda gusta stante li kienet kagunata minn 'redundancy'.

**Provi**

Ir-rikorrent xehed li kien gie impjegat b' kuntatt indefinit fl-ewwel (1) ta' Settembru 2003 bhala printer. F' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) sar assistant supervisor u fid-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) gie promoss ghal kariga ta' floor supervisor. Gie imkecci fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u

tmienja (2008). Ma giex offrut l-ebda xoghol alternattiv, inkluz 'downgrading' u wisq anqas meta kien hemm opportunita' alternattiva fi zmien sena minn tali terminazzjoni.

Kenneth Caruana – propjetarju tas-socjeta intimata, stqarr li kienu ghaddejjin minn zmien difficli u kellu jiehu passi drastici ta' ekonomija inkluz li jittermina l-impjieg tar-rikorrent. D' Anastasi kien jiehu hsieb il-production floor kollu inkluz injection moulding, printing health & safety, dokumentazzjoni u jaghmel xoghol amministrattiv fl-ufficju inkluz jiehu l-ordnijiet u jqassam il-materjal. Kellu hamsa u ghoxrin (25) persuna tahtu. Ix-xoghol tieghu beda jsir minnu u mill-mara tieghu, ir-rikorrent spicca bla xoghol, u kellu l-impjieg terminat.

Ray Abela, stqarr li kien l-accountant tal-kumpanija fil-perjodu ta' bejn ix-xhur a' Settembru elfejn u tmienja (2008) u Marzu elfejn u disgha (2009) l-introjtu tal-kumpanija naqas drastikament anke b' hamsin fil-mija (50%). Tenut kont l-awment fil-prezz taz-zejt (li hija materja prima) u s- surcharge tal-elettriku iz-zmien ma kienx wiehed felici ghal kumpanija. Ittiehdu diversi mizuri ta' evitar ta' spejjes u ekonomija, inkluz li ma jsirx overtime u jitkecca r-rikorrent.

Jennifer Debono – in rapprezentanza ta' ETC esibiet lista tal-impjegati tas-socjeta' intimata ghal perjodu mill-wiehed (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) sas-sittax (16) ta' Novembru elfejn u disgha (2009). Wara ir-rikorrent spiccaw xi haddiema ohra u diversi persuni ohra gew impjegati ukoll.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi s-socjeta' intimata tibbaza id-difiza taghha fuq il-kuncett ta' redundancy. Ghalkemm mhux definit legislattivament il-kuncett gie interpretat mill-Qrati ordinarji, dan it-Tribunal u awturi specjallizati inkluz Selwyn.

A skans ta' repetizzjoni, issir riferenza ghal zewg decizjonijiet ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet – "Stephen Muscat vs Armstrong" u "Mario Psaila vs Melita Plc". Huwa pacifiku li biex id-difiza ta' redundancy tirnexxi trid tigi pruvata minn dak li qed jallegaha – irid jigi sottomess a sodisfazzjon tat-tribunal li l-kondizzjonijiet li janticipawha jinkludu n-nuqqas ta' xoghol ghal dak il-haddiem partikolari u li ma tkunx awtokagunata jew inflitta. Il-kondizzjonijiet ezistenti fuq il-post tax-xoghol ghandhom ikunu li ma jhallux alternattiva ohra lil principal x' jaghmel hlief li jittermina x-xoghol. Jekk il-principal jiehu x-xoghol lil impjegat partikolari biex tigi maghmul minn haddiem iehor ikun hemm rizultat naturali li l-haddiem jispicca biex ma jkollux l-ebda xoghol x' jaghmel.

Biex ikun hemm redundancy trid tezisti l-kondizzjoni inkonfutata li ma hemmx xoghol u mhux jispicca bla xoghol ghax ix-xoghol tieghu gie assenjat lil terzi. F' dan is-sens ma jistax ikun awtokagunat.

Illi r-rikorrent odjern beda kwazi mill-qiegh u spicca "middle management". Kien l-uniku li jokkupa l-grad ta' 'floor supervisor'. Kien kapaci u effettivament kien jaghmel kollox hlief jahdem fattwalment bhala 'machine operator' u jmexxi l-fabbrika. Kien il-factotum taghha. Gara pero mal-ewwel beraq messet lilu il-manuvra tal-licenzjament.

Irid jinghad li s-ocjeta intimata taghmel xoghol ta' subcontracting, principalment mal-Playmobil Ltd. Hija sistema riskjuza ghall-ahhar. Kif ikun hemm xi tektika ta' nuqqas ta' xoghol, ikunu s-subcontractors li jhossu l-ewwel effetti kontrarji. Hija posizzjoni wisq perikoluza u esplossiva. Is-subcontractor jghaddi l-konsegwenzi fuq ta' tahtu ossia l-haddiema tieghu. Kienu ftit xhur ta' tnaqqis fl-introjtu. Is-soluzzjoni apparti t-tnaqqis fl-overtime kienet li jigi terminat l-impjieg tar-rikorrenti. B' hekk solva l-problemi kollha l-principal?

Illi huwa impossibli li biex tissolva problema ta' ftit xhur jitkecca l-factotum tal-kumpanija. Veru kien wahdu fil-grad u/jew klassi. Pero' b' daqshekk seta' jigi offrut post effettivament fil-kumpanija. Kien kapaci jaghmel kollox. Kien ikun kapaci li jaccetta li jmur lura fil-kariga tieghu precedenti u/jew down grading sakemm tghaddi l-burraxxka li kienet qed tigri fuq il-kumpanija. Wara kollox dina damet minn Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sa Marzu elfejn u disgha (2009). B' paga ta' tlett mija u hamsin Euro (€350) settiminali ghal dak ix-xoghol kollu li kien jaghmel, ma tantx jidher li l-kumpanija frankat wisq flus.

Kif xehed pero Kenneth Caruana fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar 2011, huwa stqarr li ma hass l-ebda obbligu ta' kwalunkwe natura, inkluz dak legali, li jittermina impjieg ta' operator inkluz dik ta' l-ex tfajla tieghu, biex jakkomoda lilu. Huwa kien sodisfatt bl-operators li kellu u dawn kien ferhana fuq il-magni taghhom'. Ma hassx li kellu jiehu dak il-pass. Lanqas ma hass li kelli joffrilu xi xoghol iehor fil-perjodu ta' sena mit-terminazzjoni. Tant kien kapaci li facilment sab xoghol alternattiv. Di fatti hekk gara. Wara kollox huwa kien l-uniku wiehed f' dak il-grad jew klassi.

L-Art 2 tal-Kap 452 jaghti definizzjoni ta' 'klassi' u fl-Art 36 (4) tal-istess Kap, huwa stipulat kif issir terminazzjoni a bazi ta' 'redundancy'. Hawn jigi nvokat l-principju ta' 'last in first out'. Wara l-impjieg tar-rikorrent gew impjegati diversi persuni ohra. Pero dawn ma gewx promossi ghal grad okkupat mir-rikorrent. Kif gja nghad huwa kien l-uniku persuna li jokkupa dak il-grad. L-insistenza tal-principal fuq il-klassi hija wisq eccessiva. Hija attitudni ta' strutturi ferm perikoluza u la certa makkinazzjoni biex il-principal jinqeda kif u meta jaqbillu.

Il-principal lanqas minn dan il-lat ma ried jakkomodah lir-rikorrent. La ried jirretrogradah u wisq anqas jittermina l-impjieg ta' min dahal l-ahhar f' dak il-grad sabiex jiehu postu. Fi ftit kliem, il-principal ried jehles mir-rikorrent skont hu, kif giet l-okkazjoni. Lanqas biss giet lilu offruta alternattiva.

L-interpretazzjoni li ghandha tigi moghtija – fejn jigu kolpiti drittijiet u doveri tal-haddiema - ghandha tkun wahda ristrettiva. Jekk ma jsirx hekk, alluwa ikun ferm facli u apparentament legali li d-dritt ghax-xoghol gustament renumerat jigi menomat a skapitu tal-istess haddiem. Dana ma ghandhux jigi permess izda ghandhu jigi stronkat minn dan it-Tribunal.

**Kumpens**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li ra l-Art 80 u 81 tal-Kap 452 it-Tribunal qed jiffissa l-kumpens pagabbli fis-somma ta' hmistax il-elf Euro (€15000).

**Konkluzjoni**

Illi t-Tribunal jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg ma saritx ghal raguni valida, u tiffissa l-kumpens li ghandhu jithallas mis-socjeta' intimata lir-rikorrent fis-somma ta' hmistax il-elf Euro (€15000).

Drittijiet qed jigu ntaxxati fis-somma ta' disghin Euro (€90).

**(Iffirmat) Dr Joseph P Bonnici**

**Chairman**

**VERA KOPJA**

**Vincent Micallef**

**Segretarju**